# Nitkellmu ma' Norbert Bugeja

Dr Norbert Bugeja iggradwa b'dottorat fl-Istudji Postkolonjali mid-Dipartment tal-Ingliż u l-Istudji Letterarji Komparati mill-Università ta' Warwick fl-2011, fejn ħadem ma' Prof. Neil Lazarus, Prof. Benita Parry u Prof. Rashmi Varma. Fl-2012, il-monografija tiegħu 'Postcolonial Memoir in the Middle East -- Rethinking the Liminal in Mashriqi Writing' ġie ppubblikat mid-dar tal-pubblikazzjoni prominenti Routledge fis-serje tagħha ta' riċerka fil-letteratura postkolonjali. Bugeja indirizza numru sabiħ ta' konferenzi ta' livell għoli ħafna u tana lista estensiva ta' studji marbutin mal-postkolonjaliżmu, il-Mediterran u l-letteraturi li ħarġu minnhom. Dr Bugeja huwa membru tal-Kunsill Konsultattiv Internazzjonali tal-Fondazzjoni Anna Lindh, u Editur Ġenerali tal-Ġurnal tal-Istudji Mediterranji. Ippubblika tliet kotba ta' poeżija: Nartiċi, finalist tal-Premju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tal-2017, Bliet li ġie fit-tieni post tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tal-2010, liema xogħlijiet ġew maqluba wkoll għall-Ingliż, u l-aktar ġabra ta' poeżija riċenti, Insa li Mhijiex Hawn. Naturalment, din l-intervista ma tippermettix li nħarsu lejn il-ħidma vasta akkademika u letterarja ta' Bugeja, u għaldaqstant se tiffoka biss dwar din l-aħħar ġabra ta' poeżiji tiegħu, b'referenza iżda għall-kotba l-oħrajn ta' poeżija.

*1. Norbert, huwa diffiċli li nħarsu lejn ix-xogħol kollu tiegħek, però kull ħaġa li jirnexxielek tagħmel hija ċertament kisba, u ċert li għalik Insa li Mhijiex Hawn huwa ta' sodisfazzjon kbir. Dan il-ktieb, kif narah jiena huwa differenti ftit minn ta' qablu, għalkemm il-fatt li qrajt ix-xogħlijiet l-oħrajn tiegħek iġagħlni b'xi mod norbot ċerti kunċetti. F'dan il-ktieb jinħass ħafna episodju li biddel ir-rotta normali tal-ħajja. It-tbatija hija tema magħrbula sew mill-poeti tagħna, tbiddel anke l-perspettiva tagħna tal-ħajja. Kemm huwa minnu dan f'dan il-ktieb?*

L-akbar kisba f'sens ta' kitba f'dan il-ktieb, għallinqas għalija, hija l-vuċi — vuċi li rawwimt mill-qilla siekta li tul is-snin imliet il-vojt tat-tmiem traġiku ta' ommi. Il-konverżazzjoni magħha baqgħet għaddejja, għalkemm żgur li ma stajt bl-ebda mod nartikolaha qabel dan il-waqt. Forsi t-tbatija tittaffa biss meta ssir diskursata bejn żewġ tbatijiet — ma nafx. Il-leħen li sibt huwa irrassenjat, imma mimli biċċaqliq ta' ħsus li mhux ġejjin minni imma minn interlokutur li rrid jew ma rridx, tibqa' hi. Jien qiegħed biss nirreaġixxi għal dawn il-movimenti li jgħajtuli minn xi mkien ieħor. F'dan is-sens ommi ma tistax tmut — lanqas jekk niftakar li mietet. Dawn poeżiji li fihom ninsa l-ħtieġa li għandi nagħraf l-assenza bħala fatt empiriku. Il-luttu f'dan is-sens jiżdied, mhux jonqos — iżda tal-inqas iħallik tleħħnu. Huma kitbiet li l-effett tagħhom jieħu l-ħin — jippremjawk biss jekk tagħtihom iċ-ċans kollu li jeħtieġu biex jistrieħu fi ħdanek. Ħafna minnhom kienu diffiċli immens biex seħħew — naħseb l-aktar ibsin li ktibt s'issa.

*2. Wieħed jista' jaħseb li l-qoxra hija insinifikanti għall-kumplament tal-ktieb, imma bosta drabi permezz tal-qoxra l-awtur jipprova jwassal messaġġ. Nammetti però li ftit li xejn rajt kotba b'qoxra bajda, forsi fil-qasam tal-mużika l-qarrejja tagħna jiftakru l-album "The Beatles" li fil-fatt baqa' magħruf bħala "The White Album". F'ħanut tal-kotba f'Porto ltqajt ma' verżjoni, naħseb rari, ta' 1984 ta' George Orwell b'qoxra bajda intaljata. Imma l-bqija ltqajna biss ma' kotba b'qoxra minimalista, riċentament qrajt "The Road" ta' Cormac McCarthy bit-titlu aħmar fuq qoxra sewda. X'kien il-ħsieb wara din il-qoxra bajda u bit-titlu intaljat effettiv ħafna, xogħol ta' Austin Camilleri?*

Austin qara l-poeżiji birreqqa għal diversi xhur. Issens li beda jitwieled aħna u nitħaddtu kien dak ta' ktieb li jħalli l-effett ta' waqtiet li kważi qed jisfumaw f'idejna u minn idejna. Is-sinerġija bejn il-poeżiji u l-kunċett viżiv naħseb li hi b'saħħitha. Ir-rispons s'issa kien li l-preżentazzjoni fiżika talġabra seħħilha tieħu d-dis-inn kreattiv tal-ktieb Malti x'imkien interessanti tassew — bħal infetħet dimensjoni, viżwali daqskemm li tmissha b'idejk, ta' kif il-ktieb jinħass qabel, waqt u wara li jinqara. Il-"ktieb" huwa f'das-sens usa' mill-"ġabra" nfisha.

*3. Fil-qoxra naraw il-ġebel u l-elementi li ssemmi anke f'dawn il-poeżiji li fihom inti tħares lejn l-imgħoddi biex tagħraf dak li jsawrek. Kif qal Jung, aħna nġorru magħna l-passat. Kemm hu minnu dan? Kemm taħseb li l-imgħoddi jsawwarna?*

Jiddependi x'għamla u tip ta' imgħoddi qegħdin nitkellmu dwaru. Hemm forom ta' imgħoddi li nistgħu nġorruhom waħedna, oħrajn li jiġbduna magħhom huma b'qawwithom. Dawn tal-aħħar jgħallmuk sew. Aktar ma naqraha, il-poeżija għalija illum hija forma ta' kitba "rqajqa", miftuħa għall-beraħ, empatika safejn jista' jkun empatiku għemil il-bnedmin bid-difetti u l-iżbalji tagħna b'kollox. Ftit ilu għedt li f'poeti bħal Karmenu Vassallo, Ġużè Delia u oħrajn hemm 'beraħ vertikali' — ċoè rabta intima bejn il-pajsaġġ tar-ruħ u dak fiżiku tal-art — rabta li l-poeżija lesta tagħtiha widen u tleħħinha billi ssawwar test li fih il-wieħed isir possibbli permezz tal-ieħor, u viċe versa. L-imgħoddi pajsaġġ li nifhmuh mill-fakultà empatika — naħseb li f''Insa li Mhijiex Hawn' din qed isseħħ.

*4. Norbert, inti akkademiku, esperjenzajt bosta kulturi fil-Mediterran. Fil-ġabriet "Bliet" u 'Nartiċi' inti pinġejt kwadru ta' numru ta' postijiet illi żort fosthom Istanbul, Valletta, Tangier, Marrakesh, l-Andalusija, il-Birgu, it-Tuneżija, Ruma, Sanlucar de Barrameda, Montpellier, il-Katalunja. Kull esperjenza ovvjament tibnik, kif diġa għidna. Pero' xtaqt nikkwota mid-daħla kritika li kien għamel Adrian Grima, "Il-Belt Kontaminata tal-Poeżija" għal dan l-istess ktieb tiegħek:*

*"Meta tintebaħ bid-distanza, imqar ċkejkna, bejnek u bejnhom tinkedd, imma mbagħad tintebaħ li f'dik id-distanza inevitabbli dawk l-esperjenzi jsiru parti minnek b'mod li ma jibqgħux jingħarfu s-sors u d-destinazzjoni, għax huma jsiru int u int issir huma."*

*Kemm tara din il-kwotazzjoni tapplika, issa għad-distanza bejnek u l-mamà? Kemm tibqa' ġġorr dawn l-istess esperjenzi? U la qed insemmu l-bliet ta' min wieħed jgħid li l-punt tat-tluq ta' dan il-ktieb huwa f'Monemvasia, raħal fil-Greċja.*

Fil-mod kif il-leħen poetiku u l-persuna li qiegħed nindirizza jitwaħħdu, dan huwa preċiżament il-każ. Id-distanza tgħib proprju għax il-konverżazzjoni hi kontinwa. Il-poeżiji f''Insa li Mhijiex Hawn' toħroġ minnhom l-anatomija ta' diskursata imwaqqfa ħesrem, li iżda setgħet u kellha titkompla. Il-poeżiji fi "Bliet" inkitbu fl-eqqel tat-trawma. Huma għeżież għalija meta nħares lura lejhom għax nifhem b'liema forza kont qiegħed inleħħen il-ħarba minn uġigħ tremend — u forsi għahekk ukoll il-kenn eżistenzjali tal-ibliet. F'dan is-sens kif għidt int qabel — l-imgħoddi kultant jagħżel għalina hu.

*5. Jekk tippermettili fil-Paġna Letterarja tal-11 ta' Settembru 2010 dwar "South of Kasbah" jien kont ktibt:*

*"Iżda kif għidt fl-introduzzjoni, Bugeja mhuwiex (għallinqas kif narah jien) vjaġġatur biss imma osservatur. U l-ħarsa tiegħu ma toħdux lejn l-attrazzjonijiet prinċipali tal-lokal imma lejn xi triq fil-ġenb jew fil-periferija tal-belt jew raħal li qajla naqħtu każ."*

*Ir-rwol tiegħek hawn forsi mhuwiex akar ta' vjaġġatur, sakemm wieħed ma jidħolx fit-terminu ta' vjaġġ tal-ħajja li ser niddiskutuh ftit ukoll, imma hemm iktar ħin li tapprofondixxi. Wieqaf. Kemm tara li dan f'dan il-ktieb m'hemmx inti titgħallem dwar il-kulturi u l-esperjenzi differenti tal-ħajja, imma kif ngħidu donnha l-ħajja stess tagħtina tagħlima u tħallina biss iċċassati quddiemha?*

L-għajxien ta' kuljum "jgħallmek" daqstant ieħor ta' kuljum. Kultant fil-qalbha tal-platitudni issib ċaqliqa li f'imkejjen iżjed imwarrba ma ssibhiex — ħoss li jkun ħarablek jew insejtu, forsi għax kif qal Andrè Gide, "l-aħħar li ntqal ħadd ma kien qed jisma'". Kultant preċiżament bil-kontra. L-empatija nifhimha bħala antiteżi tas-simplifikazzjoni u l-vjolenza li din iġġorr magħha. Li tosserva hi qawwa kruċjali u mhix konfinata għall-poeżija. Iva, abbażi tal-osservazzjoni l-poeżija tikkomplika l-esperjenza — iżda lanqas hemmhekk ma jfisser li ġrajja jew waqt t'għixien se jingħataw smigħ ġust: għalkemm iva, f'dan is-sens il-poeżija tiftaħ post.

*6. Jekk hemm xi ħaġa li ħadd mhu ħieles minnha hija l-mewt, tant li Philip Sciberras f'"Meditazzjoni" ixebbaha ma' għanqbuta u bħal donnu l-bniedem ma jeħlisiex. Xtaqt fil-fatt inżid li fil-poeżija tiegħek 21.00:[requiem], inti ktibt:*

*"Għadhom lanqas il-ħdax: hemm ħakma tkanġi lis-sura tal-ħin minn fuq wiċċna".*

Hekk hu — ix-xbieha ta' Sciberras hija f'waqtha. Ħadd ma jeħlisha, u dik hi proprju l-qawwa tagħha. Axel Munthe jistqarr li l-